

Brussell, 19 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14409/18

SOC 714
EMPL 534
ECOFIN 1063
EDUC 429

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar il-qgħad fit-tul: Messaġġi ewlenin tal-EMCO - Approvazzjoni tal-messaġġi ewlenin tal-EMCO

Id-delegazzjonijiet ser isibu mehmuża l-messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Impjieġ dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2016 (*ĠU C 67, 20.2.2016, p. 1–5*) li għandhom jiġu approvati mill-Kunsill (EPSCO) fis-sessjoni tiegħu tas-6 ta' Diċembru 2018.

Anness 1: Il-konklużjonijiet finali tal-EMCO dwar il-Qgħad fit-tul jistgħu jinsabu fl-ADD 1 għad-dok. 14409/18.

Anness 2: data dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-LTU tista' tinsab fl-ADD 2 għad-dok. 14409/18.

Implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni dwar il-qgħad fit-tul: Il-messaġġi ewlenin tal-EMCO għall-Kunsill EPSCO

L-EMCO wettaq it-tieni reviżjoni tiegħu tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2016 dwar l-integrazzjoni tal-persuni qiegħda fit-tul fis-suq tax-xogħol fl-Istati Membri kollha fit-3 ta' Ottubru 2018 (bl-ewwel reviżjoni imwettqa fil-15 ta' Diċembru 2016). Din ir-reviżjoni saret f'kuntest ta' sitwazzjoni mtejbja tas-suq tax-xogħol madwar l-UE, li qed tgħin biex jinkisbu riżultati aħjar fis-suq tax-xogħol għall-persuni qiegħda fit-tul.

Ir-rata tal-qgħad fit-tul fl-2017 kienet ta' 3.4 % madwar l-UE, minn 4.4 % fl-2015. L-għadd ta' persuni qiegħda fit-tul fl-UE komplja jonqos, u laħaq is-7.3 miljun fl-2017. B'mod inkoraġġanti, mill-2015 ir-rati naqsu fl-Istati Membri kollha minbarra l-Lussemburgu u l-Awstrija fejn iż-żidiet kienu marġinali. L-akbar titjib fir-rati tal-qgħad fit-tul kien fil-Kroazja u Spanja. Ir-rati tal-qgħad fit-tul ivarjaw minn 1 sa 1.5 % fir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Polonja, l-Iżvezja u r-Renju Unit għal 4.5 sa 8 % f'Ċipru, Spanja, l-Italja u s-Slovakkja, u 15.3 % fil-Greċja. Minkejja dan it-titjib, il-qgħad fit-tul xorta għadu jirrappreżenta spiża umana u ekonomika kbira għall-UE, u għadhom jippersistu d-disparitajiet madwar l-UE.

L-EMCO sab li, filwaqt li, l-Istati Membri kollha hađu l-passi biex itejbu l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni sa mir-reviżjoni preċedenti fl-2016, il-livell ta' implimentazzjoni jvarja. Xi Stati Membri qegħdin fi stadju avvanzat, filwaqt li oħrajn għandhom aktar x'jagħmlu biex jimplimentaw l-oqsma ewlenin tar-Rakkomandazzjoni.

L-EMCO nnota li l-kapaċità tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) hija kwistjoni prinċipali li hija kruċjali għal implimentazzjoni effettiva tar-Rakkomandazzjoni fl-Istati Membri kollha. Xi Stati Membri jesperjenzaw ukoll disparitajiet reġjonali qawwija fl-għoti tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi, li jeħtieġ li jiġu indirizzati.

Matul ir-reviżjoni, ġie nnutat li għadd ta' riformi usa' oħra li jistgħu jaffettwaw l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-persuni qiegħda fit-tul, pereżempju, ir-riformi tas-sistemi ta' Edukazzjoni u Taħriġ Vokazzjonali.

Ir-reviżjoni enfasizzat ukoll ir-rwol pożittiv tal-fondi tal-FSE biex jiġi indirizzat il-qgħad fit-tul f'għadd ta' Stati Membri.

L-EMCO jinnota wkoll ir-rapport tal-2018 tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali li ta ħarsa lejn kif is-servizzi soċjali jappoġġaw l-integrazzjoni fis-suq tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol li huma l-aktar 'il bogħod mis-suq tax-xogħol. Dan ir-rapport fih għadd ta' kunsiderazzjonijiet rilevanti. Huwa kkonkluda li l-persuni esklużi mis-suq tax-xogħol jeħtieġu mhux biss programmi attivi tas-suq tax-xogħol, iżda wkoll miżuri li jindirizzaw l-ostakli għall-inklużjoni soċjali. Ir-rapport innota wkoll li firxa wiesgħa ta' servizzi soċjali mmirati u personali huma offruti b'mod universali jew għal dawk l-aktar 'il bogħod mis-suq tax-xogħol, u li dawn is-servizzi qed jiġu pprovduti dejjem aktar b'mod integrat.

Fir-rigward tal-erba' oqsma ewlenin tar-Rakkomandazzjoni, l-EMCO jinnota dan li ġej:

F'għadd ta' Stati Membri, l-iżgurar ta' **reġistrazzjoni għolja ta' persuni qiegħda fit-tul** huwa marbut mill-qrib mal-fatt li l-benefiċċji jsiru kondizzjonali meta wieħed jirreġistra. Dan deher li kien ta' suċċess fil-ħolqien ta' rabta stabbli bejn il-persuni qiegħda fit-tul u s-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi. Xi Stati Membri stabbilixxew linji politiki mmirati lejn il-prevenzjoni ta' tneħħija mir-reġistru. Madankollu, bosta Stati Membri għad jeħtieġu li jtejb u l-isforzi ta' komunikazzjoni mal-persuni mhux attivi, u jiżviluppaw inċentivi għar-reġistrazzjoni, u biex jibqgħu rreġistrati, mas-servizzi tal-impjiegi, fejn dawn huma neqsin.

Ir-Reviżjoni kkonfermat li s-servizzi addizzjonali huma importanti għall-persuni qiegħda fit-tul peress li jista' jkollhom bżonn miżuri soċjali, tas-saħħa u miżuri oħra ta' appoġġ sabiex jiġu impjegati. B'mod ġenerali, saru sforzi biex tiżdied il-**koordinazzjoni** bejn is-servizzi pubbliċi tal-impjeg, is-servizzi soċjali u l-fornituri ta' servizzi oħrajn. Xi Stati Membri qed jistabbilixxu soluzzjonijiet tal-IT għall-iskambju ta' informazzjoni; oħrajn qed jimplimentaw protokoll ta' kooperazzjoni. Madankollu l-koordinazzjoni tibqa' sfida prinċipali għal bosta Stati Membri minħabba għadd ta' raġunijiet, inkluż kwistjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data, il-kondiviżjoni tar-responsabbiltajiet bejn l-istituzzjonijiet, u n-nuqqas ta' riżorsi.

Hemm ukoll bosta approċċi nazzjonali differenti għat-twaqqif ta' **punt uniku ta' kuntatt**. Xi Stati Membri jintegraw bis-sħiħ is-servizzi rilevanti - xi drabi permezz ta' "one-stop shop" fiżiku - filwaqt li oħrajn għandhom awtorità ta' koordinazzjoni waħda li tikkollega u tirreferi għal istituzzjonijiet oħra. Barra minn hekk, diversi Stati Membri nnominaw l-awtorità li għandha tkun il-punt uniku ta' kuntatt, iżda għandhom ma stabbilixxewx il-miżuri biex jiżguraw il-funzjonament tagħha bħala tali, permezz tal-koordinazzjoni ma' servizzi oħra.

Il-ftehimiet ta' integrazzjoni f'impjiegi jew l-ekwivalenti tagħhom huma preżenti f'bosta Stati Membri. Uħud minnhom aġġornaw l-għodod eżistenti biex jirriflettuhom aħjar il-ħtiġijiet tal-persuni qiegħda fit-tul. Hemm ukoll il-ħtieġa li jsir aktar, b'mod partikolari fir-rigward tar-reviżjoni regolari ta' valutazzjonijiet individwali, u l-aġġornament meta jkun meħtieġ. Dan l-aġġornament huwa importanti ħafna, iżda mhux qed isir fl-Istati Membri kollha.

L-Istati Membri jwettqu firxa ta' attivitajiet taħt it-titlu ta' **involvement min-naħa ta' min iħaddem**. L-EMCO ra għadd ta' approċċi innovattivi: Xi Stati Membri għandhom persunal tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi ddedikat għal dan l-impenn, li huwa promettenti; oħrajn jikkombinaw is-sussidji tal-pagi mat-taħriġ fuq il-post tax-xogħol. L-EMCO jistenna bil-ħerqa r-riżultati ta' dawn il-miżuri fil-futur. Approċċ aktar strateġiku lejn is-sħubijiet ma' min iħaddem għadu nieqes f'xi Stati Membri. Filwaqt li l-kooperazzjoni mas-sħab soċjali hija ġeneralment fis-seħħ, din tista' tkun aktar formalizzata u strutturata aħjar f'xi każijiet, partikolarment fil-livell lokali.

Il-monitoraġġ tar-Rakkomandazzjoni huwa wkoll sostnut b'data kwantitattiva li qed tinġabar bl-appoġġ tal-Istati Membri. It-tieni eżerċizzju komplet ta' ġbir ta' data bbażata fuq il-Qafas tal-Indikaturi żviluppat mill-EMCO sar fl-2018 (is-sommarju tar-riżultati huwa anness ma' dawn il-messaġġi ewlenin). B'mod ġenerali, it-tieni sessjoni ta' ġbir ta' data rat titjib sostanzjali fil-kwalità u l-kompletezza tad-data miġbura. L-Istati Membri komplew itejbu l-allinjament tad-data tagħhom mal-ispeċifikazzjonijiet tal-Qafas tal-Indikaturi u b'hekk urew l-impenn tagħhom lejn il-monitoraġġ tar-Rakkomandazzjoni. Id-data miġbura tiffaċilita l-kalkolu tal-indikaturi ewlenin għall-parti l-kbira tal-pajjiżi u tirrappreżenta punt tajjeb ta' tluq għall-monitoraġġ tal-progress fuq bażi annwali kontinwa. L-eżerċizzju tal-ġbir ta' data tas-sena d-dieħla ser jinkorpora titjib metodoloġiku abbażi tat-tagħlimiet meħuda matul l-ewwel żewġ sessjonijiet ta' ġbir ta' data (2017 u 2018). Dan it-titjib ser jissemplifika l-monitoraġġ, inaqas il-piż fuq l-Istati Membri, u jagħmel ir-riżultati aktar faċli biex jiġu interpretati.

Minkejja l-progress miksub fil-monitoraġġ, huma meħtieġa sforzi addizzjonali. L-Istati Membri huma mħeġġa jieħdu passi biex itejbu l-kwalità u l-kompletezza tad-data u jtejbu l-kapaċità tagħhom li jsegwu lil persuni wara li dawn joħorġu mill-qgħad, pereżempju permezz tal-użu ta' reġistri konnessi. L-iżgurar ta' sett komplet ta' data ta' segwitu jagħti indikazzjoni iktar ċara dwar il-kisba ta' riżultati sostenibbli għall-persuni qiegħda fit-tul.
